A.L. 264 ta' l-2003

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TA' L-ANNIMALI (ATT NRU. XXV TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2003 dwar *Standards* minimi għall-Protezzjoni ta' Tiġieġ tal-Bajd

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 7(2), ta' l-Att ta' l-2001 dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titlu u pplikabilita.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar *Standards* minimi għall-Protezzjoni ta' Tiġieġ tal-Bajd. Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu standards minimi għall-protezzjoni ta' tiġieġ tal-bajd.

(2) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal-

(a) stabbilimenti b'inqas minn 350 tiġieġa tal-bajd,

(b) stabbilimenti li jkabbru tiġieġ tal-bajd għat-tgħammir.

Dawn l-istabbilimenti għandhom, madanakollu, jibqgħu jkunu soġġetti għall-ħtiġijiet relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja 98/58/EC.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tar-regoli imniżżla taħt id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja 1999/74/EC li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni ta' tiġieġ tal-bajd.

Definizzjonijiet.

2. (1) Id-definizzjonijiet fl-artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja 98/58/EC għandhom japplikaw kif meħtieġ.

(2) B'żieda, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti -

(a) "bejta" tfisser spazju separat fejn tbid, għal tiġieġa waħda jew għal grupp ta' tieġieġ (bejta tal-grupp), li l-komponenti ta' l-art tiegħu ma jistgħux jinkludu *wire mesh* li jista' jiġi f'kuntatt mat-tjur;

(b) "*litter*" tfisser kull materjal frijabbli li jkun jippermetti lit-tiġieġ jissodisfaw il-bżonnijiet etoloġiċi tagħhom;

(c) "sieħeb fil-kummerċ" għandha jkollha l-istess tifsira kif provdut fl-Artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u għandha tinkludi Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

(d) "tiġieġ tal-bajd" tfisser tiġieġ ta' l-ispeċi *Gallus gallus* li jkunu laħqu jbidu u jkunu miżmuma għall-produzzjoni tal-bajd li mhux maħsub għat-tifqies;

(e) "żona ta' użu" tfisser żona ta' l-anqas 30 centimetru wiesa b'art imżerżqa ta' mhux aktar minn 14%, b'għoli ta' mill-anqas 45cm. Żoni għat-tqegħid tal-bajd m'għandhomx jitqiesu bħala żoni ta' użu;

Disposizzjonijiet li għandhom ikunu applikati mis-sidien u minn dawk li jżommu tiġieġ tal-bajd.

3. Fit-teritorju ta' Malta, is-sidien u dawk li jżommu tiġieġ tal-bajd iridu japplikaw mhux biss id-disposizzjonijiet relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja 98/58/EC u ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti iżda wkoll il-ħtiġiet speċifiċi għal kull wieħed mis-sistemi riferiti hawn taħt, jiġifieri -

(a) jew id-disposizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I dwar sistemi alternattivi;

(b) jew id-disposizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II dwar sistemi ta' gaġeġ mhux arrikkiti (*unenriched)*;

(c) jew id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu III dwar gaġeġ arrikkiti (*enriched).*

KAPITOLU I
Disposizzjonijiet applikabbli għal sistemi alternattivi

Ħtiġijiet għal sistema ta' produzzjoni mibnija ġdida jew mibnija mill-ġdid

4. (1) Fit-teritorju ta' Malta, is-sistemi kollha ta' produzzjoni mibnija ġodda jew mibnija mill-ġdid kif riferiti f'dan il-kapitolu u dawn is-sistemi kollha ta' produzzjoni użati għall-ewwel darba, ta' l-anqas huma konformi mal-ħtiġijiet ta' hawn taħt.

(2) Is-sistemi kollha jridu jkunu mgħammra b'mod li t-tiġieġ tal-bajd kollha jkollhom -

(a) jew *linear feeders* li ta' l-anqas jipprovdu 10cm għal kull tajra jew *circular feeders* li ta' l-anqas jipprovdu 4cm kull tajra;

(b) jew bwieqi tax-xorb kontinwi li jipprovdu 2,5cm għal kull tiġieġa jew bwieqi tax-xorb tondi li jipprovdu 1cm għal kull tiġieġa. B'żieda, fejn ikunu wżati *nipple drinkers* jew cups, għandu jkun hemm ta' l-anqas

nipple drinker jew cups għal kull 10 tiġiġiet. Fejn id-*drinking points* ikunu ċċumbati, għandhom ta' l-anqas jintlaħqu minn kull tiġieġa żewġ cups jew żewġ *nipple drinkers*;;

(c) ta' l-anqas bejta waħda għal kull seba' tiġiġiet. Jekk jintużaw bejtiet tal-gruppi, irid ikun hemm ta' l-anqas $1m^2$ ta' spazju għal massimu ta' 120 tiġieġa;

(d) passiġġieri adegwati, mingħajr truf li jaqtgħu u li ta' l-anqas jipprovdu 15cm għal kull tiġieġa. Il-passiġġieri ma jridux ikunu mwaħħla fuq il-*litter* u d-distanza orizzontali bejn il-passiġġieri trid ta' l-anqas tkun 30cm u d-distanza orizzontali bejn il-passiġġiera u l-ħajt trid ta' l-anqas tkun 20cm;

(e) ta' l-anqas $250cm^2$ ta' *littered area* għal kull tiġieġa; il-*litter* jokkupa ta' l-anqas terz tad-daqs ta' l-art.

(3) L-artijiet ta' l-istallazzjonijiet iridu jkunu mibnija b'mod li jissapportjaw tajjeb kull waħda mid-dwiefer ta' quddiem ta' kull riġel.

(4) B'żieda mad-disposizzjonijiet stabbiliti fis-subartikoli (1), (2) u (3) -

(a) jekk jintużaw sistemi ta' trobbija fejn it-tiġieġ tal-bajd jistgħu jiċċaqalqu liberament bejn il-livelli differenti -

(i) ma għandux ikun hemm aktar minn erba' livelli;

(ii) l-għoli bejn il-livelli jrid ta' l-anqas ikun 45cm;

(iii) il-faċilitajiet ta' xorb u ikel iridu jkunu mqassma b'mod li jipprovdu l-istess aċċess għat-tiġieġ kollha;

(iv) il-livelli jridu jkunu rranġati b'mod li jkun evitat li l-ħmieġ tat-tigieg jinżel fil-livelli ta' taħt.

(b) Jekk it-tiġieġ tal-bajd ikollhom aċċess biex jiġru fil-beraħ -

(i) irid ikun hemm diversi fetħiet li jagħtu aċċess dirett lejn iż-żona ta' barra, ta' l-anqas 35cm għolja u 40cm wiesgħa u li jkunu jestendu t-tul kollu tal-bini; f'kull każ, irid ikun hemm fetħa ta' 2m għal kull grupp ta' 1000 tiġieġa;

(ii) il-post fil-beraħ irid ikun-

- ta' daqs xieraq skond id-densità ta' l-annimali u x-xorta ta' l-art, sabiex tkun evitata kull kontaminazzjoni;

- mgħammar bi protezzjoni kontra t-temp ikraħ u predaturi u, jekk meħtieġ, jkun hemm fiħ bwieqi tax-xorb xierqa.

(5) Id-densità ta' l-annimali ma tridx teċċedi disa' tiġieġiet tal-bajd għal kull m^2 ta' żona li tintuża. Madanakollu, fejn iż-żona li tintuża tkun tikkorrispondi mad-daqs ta' l-art disponibbli, din tista', sal-31 ta' Diċembru, 2011, tigi awtorizzata densità ta' annimali ta' tnax-il tiġieġa għal kull m^2 ta' żona disponibbli.

(6) Is-Servizz Veterinarju għandu jiżgura li l-ħtiġiet minimi stabbiliti fis-subartikolu (1) japplikaw għas-sistemi alternattivi kollha mill-1 ta' Jannar, 2007.

KAPITOLU II

Disposizzjonijiet applikabbli għal trobbija f'sistemi ta' gaġeġ mhux arrikkiti *(unenriched)*

Ħtiġiet għal sistemi ta' gaġeġ

5. (1) Fit-teritorju ta' Malta, is-sistemi kollha ta' gaġeġ riferiti f'dan il-Kapitolu għandhom ta' l-anqas ikunu konformi mal-ħtiġijiet li ġejjin-

(a) iridu jkunu provduti għal kull tiġieġa tal-bajd, ta' l-anqas daqs tal-gaġġa ta' 550cm^2 għal kull tiġieġa, imkejla fuq pjan orizzontali, li tista' tkun użata mingħajr restrizzjoni, b'mod partikulari li ma jinkludix *non waste deflection plates* li għandhom mnejn inaqqsu ż-żona disponibbli;

(b) trid tkun provduta maxtura għall-ikel li tista' tkun użata mingħajr restrizzjoni. It-tul tagħha jrid ta' l-anqas ikun 10cm multiplikat bin-numru ta' tiġieġ fil-gaġġa;

(c) sakemm ma jkunux provduti *nipple drinkers* jew cups tax-xorb, kull gaġġa jrid ikollha kanal tax-xorb kontinwu ta' l-istess tul tal-gagga msemmija f'paragrafu (b) hawn qabel. Fejn l-għejjun tax-xorb ikunu ċċumbati, ta' l-anqas żewġ *nipple drinkers* jew żewġ cups jridu jkunu jintlaħqu minn kull gaġġa.

(d) il-gaġeġ iridu ta' l-anqas ikunu 40cm għoli għal mill-anqas 65% tad-daqs tal-gaġġa u mhux anqas minn 35cm kullimkien;

(e) l-art tal-gaġeġ iridu jkunu mibnija b'mod li jżomm sew kull difer li jħares 'il quddiem ta' kull riġel. Ix-xaqlib ta' l-art ma jridx jeċċedi 14% jew 8%. Fil-każ ta' art magħmula minn xi ħaġa oħra li mhux *wire mesh* rettangulari, is-Servizz Veterinarju jista' jippermetti xaqlib aktar wieqaf;

(f) il-gaġeġ għandu jkollhom *claw-shortening devices* adatti.

(2) It-tkabbir fil-gaġeġ riferiti f'dan il-Kapitolu huwa projbit b'effett mill-1 ta' Jannar, 2012. B'żieda ma dan, fit-teritorju ta' Malta, l-ebda gaġġa hekk kif riferit f'dan il-Kapitolu ma tista' tinbena jew tibda tintuża għall-ewwel darba.

KAPITOLU III
Disposizzjonijiet applikabbli għat-trobbija f'gaġeg arrikkiti *(enriched cages)*

Ħtiġiet tal-gaġeġ.

6. (1) Fit-teritorju ta' Malta, il-gaġeġ kollha riferiti f'dan il-Kapitolu għandhom ta' l-anqas ikunu konformi mal-ħtiġiet li ġejjin-

(a) tiġieġ tal-bajd irid ikollhom -

(i) ta' l-anqas daqs tsl-gaġġa ta' 750cm^2 kull tiġieġa, li 600cm^2 minnhom iridu jkunu jintużaw; l-għoli tal-gaġġa barra minn dak ta' fuq iż-żona li tintuża għandu ta' l-anqas ikun ta' 20cm kullimkien u l-ebda gaġġa ma għandu jkollha daqs totali ta' anqas minn 2000cm^2;

(ii) bejta;

(iii) *litter* li jippermetti li jsiru jingħatu daqqiet bil-munqar *(pecking)* u jsir il-grif *(scratching)*;

(iv) passiġġieri xierqa li jippermettu ta' l-anqas 15cm kull tiġieġa;

(b) trid tkun provduta maxtura għall-ġwież li tista' tkun użata mingħajr restrizzjoni. It-tul tagħha jrid ikun ta' l-anqas 12ċm multiplikat bin-numru ta' tiġieġ fil-gaġġa;

(c) kull gaġġa jrid ikollha sistema xierqa ta' xorb skond id-daqs tal-grupp; fejn ikunu provduti *nipple drinkers*, irid ikun hemm ta' l-anqas żewġ *nipple drinkers* jew żewġ cups li jintlaħqu minn kull tiġieġa;

(d) biex tkun faċilitata l-ispezzjoni, l-istallazzjoni u t-tneħħija tat-tiġieġ irid ikun hemm nava ta' wisa' minima ta' 90ċm bejn l-indani tal-gaġeġ

u jrid jitħalla spazju ta' mill-anqas 35ċm bejn l-art tal-bini u l-indana ta' isfel tal-gaġeġ;

(e) il-gaġeġ iridu jkunu mgħammra bi *claw-shortening devices* adatti.

KAPITOLU IV
Disposizzjonijiet finali

Reġistrazzjoni ta' l-istabbilimenti.

7. L-istabbilimenti koperti bil-għan ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu reġistrati mas-Servizz Veterinarju u mogħtija numru distintiv li għandu jkun il-mod kif ikunu rintraċċati l-bajd mibjugħa għall-konsum uman. L-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu deċiżi skond regoli tal-Kommunita Ewropeja u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 7(2) ta' l-Att dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali.

Spezzjonijiet ta' monitoraġġ mis-servizz veterinarju.

8. (1) Is-Servizz Veterinarju għandu jwettaq spezzjonijiet biex isir monitoraġġ tal-konformità mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jsiru fl-okkażjoni ta' verifiki magħmula għal skopijiet oħra.

(2) Is-Servizz Veterinarju għandu jirrapporta dwar l-ispezzjonijiet imwettqa skond is-subartikolu (1). Ir-rapporti għandhom jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropeja.

Verifiki fuq il-post minn esperti veterinarji.

9. (1) Esperti Veterinarji mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropeja jistgħu, flimkien mas-Servizz Veterinarju, iwettqu verifiki fuq il-post.

(2) Is-Servizz Veterinarju għandu jipprovdi lill-esperti veterinarji b'kull għajnuna li jistgħu jinħtieġu biex iwettqu ħidmiethom. Speċjalment, l-istess tip ta' aċċess bħal dak mogħti lill-uffiċjali ta' l-awtorita kompetenti għandu jkun mogħti lill-persuni kollha involuti, kif ukoll informazzjoni, dokumentazzjoni u aċċess fi postijiet, stabilimenti, installazzjonijiet u tipi ta' trasport, sabiex dawn il-verifiki jkun jistgħu jitwettqu.

(3) Is-Servizz Veterinarju għandu jieħu kull miżura li tista' tkun meħtieġa, li tqis ir-riżultati tal-verifiki.

Piena għal min jonqos mill-obbligi.

10. (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' l-Att dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali, il-persuna tikser xi disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti dawn ir-regolamenti, teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn elfejn lira Maltija (Lm2, 000) u mhux iżjed minn sitt elef lira Maltija (Lm6, 000).

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, il-Qorti tista tordna lil persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti, tħallas għall-ispejjes kollha magħmula mis-Servizzi Veterinarji bħala riżultat ta' dak ir-reat, kif ukoll ir-revoka tal-permess maħruġ taħt dawn ir-regolamenti u l-konfiska, żamma u tneħħija tal-*corpus delicti*.

Perjodu transitorju.

11. Id-Direttur tas-Servizz Veterinarju għandu jippubblika fil-Gażżetta tal-Gvern u skond kif hemm imniżżel fl-Iskeda II ta' dawn ir-regolamenti, l-ismijiet ta' l-

istabilimenti li għal xi raġuni jew oħra jkunu ġew mogħtija deroga temporanja biex iwettqu l-obbligazzjonijiet tagħhom skond dawn ir-regolamenti.

SKEDA I

B'żieda mad-disposizzjonijiet relevanti ta' Anness tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja 98/58/EC, għandhom dawn japplikaw il-ħtiġijiet li ġejjin:-

(1) It-tiġieġ kollha jridu jkunu spezzjonati mis-sid jew mill-persuna responsabbli għat-tiġieġ ta' l-anqas darba kuljum.

(2) Il-livell tal-ħoss għandu jitnaqqas. Storbju kostanti jew li jiġi f'daqqa waħda għandu jkun evitat. Il-fannijiet għall-ventillazzjoni, makkinarju ta' l-għalf jew tagħmir ieħor għandhom jinbnew, jitqiegħdu, jitħaddmu u jinżammu b'mod li jikkawżaw l-anqas storbju possibbli.

(3) Il-bini kollu għandu jkollu livelli ta' dawl biżżejjed li jkunu jippermettu li t-tiġieġ kollha jaraw lil xulxin u li jkunu jidhru ċar, li jkun investigat viżwalment l-ambjent tagħhom u li jidhru livelli normali ta' attività. Fejn ikun hemm dawl naturali, l-aperturi għat-tidwil jridu jkunu rranġati b'mod li d-dawl jitqassam l-istess fl-akkomodazzjoni.

Wara l-ewwel jiem ta' kundizzjonar, is-sistema tad-dawl għandha tkun tali li tevita problemi ta' saħħa u ta' mġieba. Għaldaqstant, trid issegwi ritmu ta' 24 siegħa u tinkludi perjodu adegwat u mhux interrott ta' dlam, li jtawwal, bejn wieħed u ieħor, madwar terz tal-ġurnata, sabiex it-tiġieġ ikunu jistgħu jistrieħu u biex ikunu evitati problemi bħalma huma immunodipressioni u anomaliji fil-vista. Perjodu ta' dawl baxx ta' tul suffiċjenti għandu jkun provdut meta jitbaxxa d-dawl sabiex it-tiġieġ ikunu jistgħu joqogħdu mingħajr ebda konfużjoni jew feriment.

(4) Dawk il-partijiet tal-bini, tagħmir jew utensili li jiġu f'kuntatt mat-tiġieġ għandhom jitnaddfu sew u jkunu disinfettati regolarment u f'kull każ, kull meta jitneħħew it-tiġieġ u qabel jiddaħħal grupp ġdid ta' tiġieġ. Sakemm il-gaġeġ ikunu mimlija, l-uċuħ u t-tagħmir kollu għandu jinżamm imnaddaf b'mod sodisfaċenti.
Il-ħmieġ naturali jrid jitneħħa kull meta jkun meħtieġ u tiġieġ mejta jridu jitneħħew ta' kuljum.

(5) Il-gaġeġ iridu jkunu mgħammra sew biex it-tiġieġ jinżammu milli jaħarbu.

(6) L-akkomodazzjoni li tikkonsisti minn żewġ ringieli jew aktar ta' gaġeġ irid ikollha apparat jew iridu jittieħdu miżuri xierqa li jippermettu spezzjoni tar-ringieli kollha mingħajr diffikultà u li jiffaċiltaw it-tneħħija tat-tiġieġ.

(7) Id-disinn u d-daqs tal-bieb tal-gaġġa iridu jkunu tali li tiġieġa adulta tista' titneħħa mingħajr ma' tgħaddi minn tbatija mingħajr bżonn jew mingħajr ma ġġarrab ebda feriment.

(8) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tad-disposizzjoni 19 ta' l-Anness tad-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropeja 98/58/EC, kull mutilazzjoni għandha tkun projbita. Sabiex ikun evitat it-tnaqqir tar-rix u l-kannibaliżmu, madanakollu, is-Servizz Veterinarju jista' jawtorizza it-tinqix tal-imnieqer *(beak trimming)*, kemm-il darba dan jitwettaq minn persuni kwalifikati fuq tiġieġ; dan għandu jsir biss fuq flieles li għandhom anqas minn 10 ijiem u li jkunu maħsuba li jitkabbru għall-bajd.

SKEDA II

Għall-iskop tar-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti, l-istabilimenti tat-tiġieġ tal-bajd hawn taħt imnizzla gew mogħtija deroga temporanja sas-sena 2006 –

1. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PBLM 051
2. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PBLM 064
3. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PBLM 079
4. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PBLM 065
5. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PBLM 081
6. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PBL 007
7. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PLG 018
8. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PLM 011
9. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PLG 008
10. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PBLM 053
11. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PLM 016
12. Stabiliment bi numru ta' registrazzjoni PLM 024